**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 59/07**

Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016 fis-18:00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *Irtira fi 20.34pm* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Wasal fi 18:30pm* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *Skużat* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

**AGENDA**

59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
59.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
59.5 Rapporti;
59.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
59.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;
59.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
59.9 Mozzjonijiet; u
59.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

**59.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji**

i. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija x'jinqraw f'din il-laqgħa.

**59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

i. Il-Minuti tal-Laqgħa nru. 58/07 tat-26 ta' Ottubru 2016 fis-18:00pm, ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

**59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, għadna l-istess. Żied jgħid li għadna qed nistennew l-avukat tagħna jagħtina risposta. Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

ii. Rigward il-vandaliżmu li kien sar fuq il-gazebo, is-Sindku qal li wara li konna għaddejna l-filmat lill-pulizija u ġibna stima tal-ħsara tal-bieb, konna ġejna nfurmati li l-Ispettur bgħat għal 3 persuni u kien ser iressaqhom il-Qorti, infurmana wkoll li dawn kienu aċċettaw li jħallsu l-ispejjeż. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien reġa kellem lill-Ispettur u staqsih ġewx iħallsu u hu wieġbu li le ma kienux filwaqt li l-Ispettur kien wieġbu li nhar l- 20 ta' Diċembru 2016 dawn it-tlett persuni kellhom jidhru l-Qorti. Vandaliżmu

ii.i Il-Kunsillier Frans Agius qal li hemm bzonn li hemm barra jifmhu li min ikisser iħallas.

iii. Rigward it-turf tal-ground 5 aside is-Sindku nforma lill-Kunsill li fl-aħħar kien wasal l-appell u li kellu jinstema' f'Jannar 2017. Turf tal-ground 5 aside

*Il-Kunsillier Ismael Dalli wasal fi 18:30pm*

iv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-każ ta' Triq Betta, din għadha għaddejja. Kompla jispjega li kienet tqassmet lir-residenti tal-area in kwistjoni kopja tal-ittra mibgħuta lill-Kunsill mit-TM u dan biex ir-residenti jkunu mgħarfa bid-deċiżjoni finali li ttieħdet mill-Awtorita'. Traffic Managment

iv.i Żied jgħid is-Sindku li saħansitra ċempillu wkoll Membru Parlamentari u qallu biex jagħmel tip ta' bankina taħt it-tieqa tar-residenta biex b'hekk il-*parking bays* isiru fin-nofs. Għal din il-proposta s-Sindku qal li wieġbu li hu ser jagħmel li tgħidlu l-Awtorita' ta' TM. Fuq dan il-Membru Parlamentari wieġbu li hu ser ikellem personalment lit-TM. Triq Betta

iv.ii <u>**Mozzjoni Nru 60/01**</u>
Is-Sindku Paul Farrugia ppropona u l-Viċi Sindku Keith Darmanin ssekonda li jekk sa laqgħa oħra li jmiss, jiġifieri sal-laqgħa ta' Diċembru 2016, ma tasalx risposta mod ieħor jaqblu li tiġi implimentata l-ordni tal-Awtorita' tat-TM.

iv.ii.i Saret diskussjoni dwar dan il-każ mill-Kunsill u kien hemm qbil unanimu li jekk sa laqgħa oħra li jmiss, jiġifieri sal-laqgħa ta' Diċembru 2016, ma tasalx risposta mod ieħor jaqblu li tiġi mplimentata l-ordni tal-Awtorita' tat-TM.

iv.iii Is-Sindku qal li fi Triq B'bugia fil-parti fejn hemm il-ħanut tal-confectionery, dan għandu żewġ bibien wieħed tal-store u l-iehor il-bieb tal-ħanut.

iv.iii.i <u>**Mozzjoni Nru. 60/02**</u>
Is-Sindku Paul Farrugia kien qed jipproponi filwaqt li l-Viċi Sindku kien qed jissekonda li quddiem il-bieb tal-store ta' dan il-Confectionery il-*bay* issir un/loading filwaqt li quddiem il-bieb tal-ħanut issir bajda. Issir ukoll tabella fejn turi li l-*parking* huwa riservat għal 4 siegħat filgħodu u 4 siegħat wara nofsinhar.

Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill biex isir hekk kif issuġġerit f'din il-Mozzjoni.

iv.iv Sar suġġeriment ukoll sabiex parkeġġ ieħor fejn l-għassa fi Triq Betta li kien tħassar issa jista' jerga jsir. Ġie ssuġġeriet sabiex il-ħaddiem assenjati mal-Kunsill jerġgħu jkejlu u jiċċekjaw naqra jistax isir.

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-talba għal UNLOADING BAY u mhux RESERVED PARKING, quddiem il-ħanut FIX-IT fi Triq il-Knisja kienet ġiet approvata; Un/Loading Bay Triq il-Knisja – Fix It

vi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu ntbgħatu l-ittri lit-TM għall-kunsiderazzjoni tagħhom dwar :

- Bollards jew barrier fi Triq il-Knisja k/m Triq Palma;
- Mera Triq Sorijiet għal Triq Annunzjata;
- Tabella għal No Parking quddiem Club tal-Ħamiem;

vii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li twaħħlu l-4 bollards fi Triq l-Iskola quddiem il-ħanut ta' Confectionery. 4 bollards fi Triq l-Iskola

viii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu qed jipprova jagħmel kuntatt mal-Perit tal-Kunsill sabiex jiċċekkja miegħu dwar DNO fuq l-*embellishment* ta' l-area fi Triq Kurunell Mass peress li konna għadna kif konna u konna għadna qed nistennew. Ġnien Kurunell Mass

viii.i Il-Kunsillier Ismael Dalli ssuġerixxa li tintbgħatlu ittra uffiċċjali. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

iv. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li konna għaddejna d-dettalji lill-Avukat tal-Kunsill tal-persuna li kien kellu l-inċident fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra u għadna qed nistennew mingħandu. Inċident monument – Avukat UNTOURS

vii. Dwar il-meter ta' Ġnien Ovindoli s-Sindku spjega li mar personali l-PA u ħa miegħu l-karti u l-pjanti oriġinali u wrihomlhom u qalulu li kien jidher li permess kien ħareġ skond l-emenda u għaldaqstant ma setawx jifmhu kif kien għad hemm din il-pendenza. Żied jgħid is-Sindku li kellhom jerġgħu jiċċekjaw min-naħa tal-Awtorita' tal-Ippjanar u jkelmuna lura. Sad-data u ħin tal-laqgħa ma kienet waslet ebda risposta mill-PA. Meter Ġnien Ovindoli

viii. Rigward il-proposta ta' Bye Law sabiex l-Kunsill ikun jista' jiġbor flus miġbura mill-attivitajiet u jkunu jidhru fil-kotba tal-Kunsill biex b'hekk ikun hemm aktar kontroll, ktibna lid-Dipartiment Gvern Lokali pero sadanittant inħarġet Ċirkolari nru 34/2016 biex isservi bħala linji gwida għall-Kunsilli Lokali. BYE Law ġbir ta' flus minn attivitajiet

ix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li jidher li x-xogħol fuq Triq San Franġisk miexi u avvanza sewwa. Sadanittant kompla s-Sindku li kienet tlestiet il-parti fejn kien ippjanat li jsir. Pero spjega li kien għadu għaddej bid-diskussjonijiet mal-Awtoritajiet biex titkompla biċċa oħra. Xogħol mit-TM fi Triq San Frangisk

x. Rigward il-*bins* mitluba mill-Iskola St Thomas Moore fl-inħawi barra l-entratura tal-Iskola kif ukoll *bins* tar-riċiklaġġ ġewwa l-Iskola li kienu ġew approvati u li kienu ser ikunu ssponsorjati mill-istess Green MT, il-Kunsillier Ismael Dalli qal li ser jiċċekkja dawn sarux. Laqgħa GREEN MT – Bins

x.i Sadanittant is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsillieri li kienet ser issir *recyling day* nhar is-Sibt 26 ta' Novembru bejn 9am u 1pm. Il-Kunsillier Ismael Dalli qal ukoll li għal din l-attivita' l-GREEN MT approvaw li jħallsu riklam fuq il-paġna tal-Kunsill ta' FACEBOOK. Recycling Day

xi. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li dwar l-ħaddiema taħt l-COMMUNITY WORK SCHEME li b'kollox assenjati magħna għandna 8 kif ukoll dwar l-iffirmar tal-Memorandum of Understanding li fost oħrajn hemm klawżola li l-Kunsill Lokali jrid jħallas lil kull ħaddiem performance bonus ta' madwar €300 fis-sena għadna ma rċevejniex linji gwida mingħand id-Dipt. Gvern Lokali. Is-Sindku qal li kieku kellna naċċettaw li nħallsu il-performance bonus inkunu qed niksru ligi għax dawk mhux impjegati tal-Kunsill Lokali. Community Work Scheme

xii. Is-Sindku żied jgħid li għadu għaddej b'diskussjonijiet. Qal li saħansitra ressaq dan il-każ quddiem l-AKL. Qal ukoll li nhar it-Tnejn 5/12/16 ser issir laqgħa bejn l-AKL, RSSL u CWSF.

xiii. Is-Sindku rraporta li x-xogħol fi Triq B'bugia miexi filwaqt li waslet proposta biex isir *traffic management* ġdid bejn il-Kunsill u l-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħol u jikkordina miegħu xi spejjeż ikollu l-Kunsill. Is-Sindku qal li wieġeb għal din l-email li dan ma setgħax isir u bgħat kollox bil-miktub u kkopja lill-Ministru. Bħalissa għaddejja korrispondenza bejn il-Ministeru u TM. Triq B'Bugia

xiv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-proġett ta' skambi bejn gruppi varji, mexjin bin-negozjati biex isiru dawk il-proġetti. Sadanitant nhar it-30 ta' Settembru 2016 saret laqgħa mal-Kuntrattur tal-Kunsill fejn ġie diskuss iktar dan il-kaz. Il-kuntrattur għandu jinfurmana bid-dettalji. Ġemellaġġ ma' Ovindoli

xiii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba għal żvilupp ta' bini fi Triq l-Assedju Kbir għadna ma smajna xejn iżjed. Żvilupp ta' bini fi Triq l-Assedju Kbir

xiv. CIRKOLARI DLG 8/2016 – LIBRERIJI . Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li diġa kienu nxtraw xi kotba u konna għadna qed nistennew xi oħrajn peress li kienu *out of stock*. CIRKOLARI DLG 8/2016 – LIBRERIJI

xv. CIRKOLARI DLG 9/2016 – Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2016 . Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li d-Dipartiment kien bgħat biss *acknowledgement* li waslitlu l-applikazzjoni tal-Kunsill. Fakkret ukoll li l-Kunsill kien għamel it-talba għas-salib ta' Triq Tempji Neolitiċi k/m Triq Sta Marija. CIRKOLARI 9/2016 – Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2016

xvi. Is-Seg. Eżek. qalet li d-Dipt kien bgħatilna *checklist* tal-proċedura għall-GEMELLAGG. mal-lokalita ta' LULA fl-Italja. Din ser jieħdu ħsiebha is-Sindku Paul Farrugia flimkien mas-Seg. Eżek. Proċedura – Ġemellaġġ LULA

xvii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-laqgħa mal-Kumitat tal-Festa li kellha issir nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru fis-19:00pm ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, kellha tiġi posposta u l-Kappillan ipprona li ssir nhar it-Tnejn 12 ta' Diċembru 2016. Il-Kunsill iddiskuta u ddeċieda li minħabba ż-żmien li qegħdin fih aħjar li tali laqgħa tiġi posposta għas-sena l-ġdida. Laqgħa Kumitat tal-Festa

xviii. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. kienet resqgħet quddiem il-Kunsill Lokali żewġ ismijiet ta' Segretarji Eżekuttivi attwali sabiex f'każ ta' assenza fit-tul tagħha jkunu jistgħu jservu bħala Deputati fil-Kunsill Lokali Ħal Tarxien. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

xviii.i Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar dan u ġie deċiż li għalissa ebda persuna ma tiġi approvata għal dan ir-rwol u dan għaliex jidher li l-Assoċjazzjoni Gvern Lokali kienet għadha ma ħarġitx direttiva lill-Kunsilli Lokali dwar din il-materja.

xix. Is-Sindku kkonferma li r-rapport dwar infieq u spejjeż bejn l-amministrazzjoni ta' l-Ex Sindku Joseph Abela u l-Amministrazzjoni preżenti tas-Sindku Paul Farrugia deher fuq il-paġna FACEBOOK tal-Kunsill Lokali. Rapport ta' Infieq u Spejjeż

## 59.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

i. Il-Kunsillier Frans Agius staqsa jekk bħala Kunsill nistgħux nitolbu lill-barbier li hemm fi Triq Tempji Neolitici k/m Triq Santa Marija sabiex ineħħi bozza li qed tirreflitti fil-mera u ttellef il-viżwal għal min ħiereġ mit-triq.

i.i Is-Sindku wieġbu li f'dan il-każ ser inkelmu lis-sid uffiċċjalment.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien wieġeb lill-WEEE li ma kellux post adekwat ġewwa Skip – skart elettroniku

l-uffiċini sabiex jitpoġġa skip għall-użu tal-pubbliku għall-rimi ta' skart elettroniku u għaldaqstant konna ssuġġerejna li tali skip titpoġġa barra, issa kienet waslet it-tweġiba li jridu jiġu jaraw il-post barra.

**59.5 Rapporti**

i. Ma kienx hemm rapporti sabiex jitressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill f'din il-laqgħa.

**59.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet ittra mingħand TM dwar *road humps* fit-Toroq Fieres u Paola k/m Triq Lanzon. Jidher li l-Kunsill ma kienx għamel talbiet ta' dan it-tip għaldaqstant ġie deċiż li nistaqsu lit-TM minn għamel tali talba. Road Humps fi Toroq Fieres u Paola

ii. Talba għal Zebra Crossing fi Triq Birzebugia ma ġietx sottomessa mill-Kunsill. Zebra Crossing – Triq B'Bugia

iii. Rigward it-talbiet għal Reserved Parking fit-Toroq Sant Antnin u Sammat ma kienx hemm oġġezzjoni mill-Kunsill Lokali. Reserved Parking fit-Toroq Sant Antnin u Sammat

iv. Rigward il-proposta mit-TM dwar ir-*road hump* fi Triq Xintill, il-Kunsill qabel unanimament li jimxi ma kull deċiżjoni li tieħu t-TM f'dan ir-rigward li hija l-Awtorita regolatorja. *road hump* fi Triq Xintill

v. Rigward l-korrispondenza mill- PA dwar xi xogħol fi Ġnien Joanne, il-Kunsill wara li ra l-pjanti hekk kif propost li jsir ix-xogħol qal li ma kellux kummenti. korrispondenza mill- PA dwar xi xogħol fi Ġnien Joanne

vi. Il-Kunsill kien infurmat li d-DLG approvat li mal-Kunsill ikun assenjat persuna b'dizabilita bħala part-timer. Il-persuna magħzula mhux ser tkun imħallsa mill-Kunsill Lokali. DLG approvat li mal-Kunsill ikun assenjat persuna b'dizabilita bħala part-timer

vii. Ġejna nfurmati mid-DLG li fl-allokazzjoni finanzjarja għall-2016 ġejna mogħtija 322€ inqas. Dan l-ammont issa għadda fl-account tal-Kunsill. allokazzjoni finanzjarja għall-2016 ġejna mogħtija 322€ inqas

viii. Il-Kunsill iddeċieda li l-LAQGĦA PUBBLIKA ssir nhar il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru 2016 fis-6.30pm ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. LAQGĦA PUBBLIKA

ix. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-iStreet Naming Committee ma kienx qabel mas-suġġeriment li tinbidel Triq Dar tal-Kejka u ssir Triq Dom Mintoff. Triq Xintill – Triq Dom Mintoff

ix.i Filwaqt li kienu approvaw li l-isqaqien ta' wara l-knisja jiġifieri Sqaqien Britaniku 1 u 2 jinbidlu u jigu TREJQA VINCENT BATTISTINO – RIĊERKATUR STORIKU, u l-ieħor IT-TABIB KARL CHIRCOP – MEMBRU PARLAMENTARI. Ismijiet ta' Toroq

**59.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

*ii. Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*

ii.i Is-Sur Agius qal li alissa għad m'għandux iktar dettalji dwar il-proposta fuq bazi personali mill-Kumitat li qed jipprepara ċ-ċelebrazzjonijiet tal-450 sena parroċċa sabiex waħda mill-attivitijiet issir b'mod konġunt mal-Kunsill Lokali u tkun tikkonsisti fi tberik tal-annimali. ċelebrazzjonijiet tal-450 sena parroċċa

*iii. Rapport mill-Kunsillier Lawrence Bonavia*

iii.i Il-Kusillier Bonavia nforma lill-Kunsill li t-tilqima tal-influwenza kienet ingħatat f'jumejn nhar it-18 u 21 ta' Novembru 2016 filgħodu minn ġewwa l-Berġa. Tilqima

iii.i.i Is-Sindku staqsieh għaliex kienet ingħatat f'jumejn u x'kien inqalha eżatt peress li kienu avviċinawh xi nies li ma kienux inqdew mill-ewwel.

iii.i.ii Is-Sur Bonavia wieġbu li l-ewwel ġurnata meta nieżlu l-Berġa ma kellhomx tilqimiet biżżejjed u allura kien mingħalih li d-Dipt tas-Saħħa ma kenux tawna tilqimiet għall kull min kien inkiteb mal-Kunsill u għaldaqstant avża lin-nies b'dan.

iii.i.iii Is-Seg. Eżek. ġibdet l-attenzjoni li għas-snin kollha li l-Kunsill Lokali ilu joffri dan is-servizz, id-Dipt. Tas-Saħħa dejjem tana tilqimiet għal kulħadd fil-lista anzi pjuttost dejjem jagħtuna xi ftit extra. In-nuqqas kien li meta ttieħdu l-kaxxi bit-tilqimiet minn ġol fridge l-ewwel ġurnata, ma ttieħdux il-kaxxi kollha. Żiedet tgħid li issa minħabba f'hekk fil-fridge għad hemm kaxxa sħiħa mimlija tilqimiet li trid tintrema, u dan fuq ordni tad-Dipt. Tas-Saħħa.

iii.i.iii.i Il-Kunsillier Bonavia wieġeb li ma kienetx fir-responsabbilta' tiegħu li jiċċekja li jkunu ttieħdu l-kaxxi kollha minn ġol fridge.

iv. *Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli*

iv.i Il-Kunsillier Dalli qal li kienet tpoġġiet il-bin tal-ħwejjeġ fi Triq Kalamija k/m Triq Palma u li kienet qed tintuza ħafna . Bin biex jintremew it-tessuti

iv.ii Il-Kunsillier Dalli talab jekk hux possibli li jeħlu xi Stickers sofor biex ma jintremiex żibel ieħor mal-ġenb ta' din l-iskip man-naha ta' Triq Kalamija? Is-Sindku wieġbu li ser nieħdu ħsieb li jsiru.

iv.iii Il-Kunsillier Dalli qal li xtaq jissuġġerixxi sit ieħor ferj jiġi bin ieħor biex jintremew il-tessuti. Saret diskussjoni dwar dan u l-Kunsill unanimament qabel li jista' jitpoġġa bin ieħor fuq il-bankina ta' faċċata tal-Kunsill.

iv.iv Il-Kunsillier Dalli qal li qed jipprova jpoġġi kaxxi fl-ispizeriji tar-raħal biex jintremew xi mediċini mhux tajbin pero kien għadu qed jiċċekkja dwar il-permess. kaxxi fl-ispizeriji tar-raħal biex jintremew mediċini

*vi. Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella*

vi.i Il-Kunsilliera Doris Vella qalet li xtaqet tirraporta li għal darbtejn ma ntbgħatitx l-Agenda tas-Sotto Kumitat. Hija sostniet li d-darbtejn kien l-istess impjegat li ma bgħatiex. Is-Seg. Eżek. weġbitha li hi ma kenitx infurmata b'dan u li kienet ser tiċċekja mal-impjegati. Fl-istess ħin is-Seg. Eżek. talbitha biex f'sitwazzjonijiet bħal dawn tavżaha mill-ewwel sabiex tkun tista tieħu l-passi neċessarji skond il-bżonn. Agenda Sotto Kumitat

vi.ii Il-Kunsilliera Doris Vella ppreżentat quddiem il-Kunsill rendikont tal-ħarga ta' Novembru.

*Il-Kunsillier Lawrence Bonavia rtira fi 20.34pm*

**59.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

i. Ġiet imressqa Skeda ta' Pagamenti Nru. 45/07 għall-fatturi ta' Novembru 2016. Din ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**59.9 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta’ din il-laqgħa.

**59.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 8.52pm.

ii. Laqgħa oħra ser tinżamm nhar il-Ħamis 15 ta’ Diċembru 2016 fil-5:00PM.

Iffirmat

________________________

**Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

Iffirmat

________________________

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**